# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 8 ta' Frar 2019

**Rikors Kongunt Numru : 376/2018 JPG**

**Kawza Numru : 16**

**RG**

**U**

**MG**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt ta' RG u MG, datat 24 ta' Awwissu 2018, a fol 1 et seqq. li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu f'Malta nhar id-disgha (9) ta' April tas-sena elfejn u hdax (2011) gewwa l-Knisja Parrokjali ta' San Bastajn, f'Hal Qormi;*

2. *Illi minn dan iz-zwieg twieldet tifla, il-minuri A nhar it-tmienja (8) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013);*

3. *Illi l-partijiet effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat in atti tan-Nutar Dottor Nicholas Briffa fis-sitta (6) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016); vera kopja hawn annessa u mmarkat bhala Dok 'A'.*

4. *Illi l-ebda manteniment ma hu dovut mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni stante dekadenza minn naha tal-partijiet b'mod reciproku;*

5. *Illi l-manteniment favor il-minuri A u l-access ghall-istess minuri huwa regolat bl-istess kuntratt tas-separazzjoni u l-partijiet jaqblu li l-minuri qed tircievi manteniment adegwat, fil-hin u skont dak pattwit fil-kuntratt tas-separazzjoni u ghalhekk il-kundizzjonijiet kollha li jirrigwardaw l-aspetti kollha tal-hajja tal-minuri se jibqaw l-istess;*

6. *Illi l-partijiet ilhom ma jghixu mhux flimkien sa mill-bidu ta' Awissu tas-sena elfejn u erbatax (2014) meta r-rikorrenti RG harget mid-dar matrimonjali u marret tghix ma missierha u dan stante l-imgieba taghha waqt iz-zwieg. Illi sussegwentement il-partijiet bdew il-process sabiex ixolju u jillikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom fis-sajf tas-sena elfejn u erbatax (2014) u ghall-finijiet ta' hlas ta' sehem u likwidazzjoni ir-Ragel iddikjara li huwa hareg mid-dar matrimonjali fis-sitta (6) ta' Settembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) u dan skont klawzola 12(v) tal-kuntratt tas-separazzjoni.*

7. *Illi l-qasma, il-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti bejniethom giet konkluza lejn l-ahhar ts-sena elfejn u erbatax (2014) tant li fl-ghoxrin (20) ta' Jannar tas-sena elfejn u hmistax (2015) ir-rikorrenti RG dahlet f'konvenju ma terzi sabiex tbiegh id-dar matrimonjali u dan kif jidher mill-kopja tal-konvenju hawn anness u mmarkat bhala Dok B.*

8. *Illi in vista tas-suespost il-partijiet ghexu mhux flimkien ghal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw ghal, mill-inqas erba' snin matul il-hames snin minnufih precedenti ghal ftuh ta' dawn il-proceduri, l-partijiet jissodisfaw dak li jitlob l-artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

9. *Illi ma hemm ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;*

10. *Illi ghalhekk jikkonkorru il-kriterji kollha rikjesti mill-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.*

*Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, ir-rikorrenti umilment jitlobu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tiddikjara li z-zwieg taghhom, celebrat nhar id-disgha (9) ta' April tas-sena elfejn u hdax (2011) gewwa l-Knisja Parrokjali ta' San Bastjan, Hal Qormi, mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;*

2. *Konsegwentement tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, biex dan ikun hekk registrat fir-Registru Pubbliku.*

*U dan taht kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li jkun xiraq u opportuni fic-cirkostanzi.*

*Bl-ispejjez karigu taz-zwieg f'sehem indaqs bejniehtom.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

**Ikkonsidrat:**

**RG** xehdet illi l-partijiet izzewgu fid-9 ta' April 2011 u kien ottjenew separazzjoni legali fis-6 ta' April 2016 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehdet illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qalet ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**MG** xehed u kkonferma u kkorobora x-xhieda ta' RG.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
***[...]***

***66B. * Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***
***[...]***

In segwitu taz-zwieg taghhom fid- 9 ta' April, 2011, il-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 6 ta' April 2016 fl-atti tan-Nutar Dottor Nicholas Briffa (Vide Dok A, a fol 3), debitament awtorizzat mill-Qorti, u ilhom jghixu separatament sa mill bidu ta' Awissu 2014.

Jirrizulta ukoll li m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet u li l-intimat dejjem hallas puntwalment il-manteniment ta' bintu.

Il-Qorti rat illi jirrizulta inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-ligi sabiex zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqu' bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**